MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1930/2000/1

**Taha Kuymizakis bhala mandatarju specjali, f'isem u fl-interess tal-assenti Hamdi Abdul Al-Tulti.**

**-vs-**

**Busietta Gardens Madliena Limited u b'digriet tal-21 ta' Novembru, 2005, l-atti gew trasfuzi f'isem s-socjeta' Madliena Village Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fl-20 ta' Settembru, 2000 li permezz tieghu Taha Kuymizakis nomine espona bir-rispett;

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-14 ta' Lulju 2000 fil-kawza fl-ismijiet "*Busietta Gardens Madliena Limited vs. l-Avukat Dottor Anna Evellina Barbara u Prokuratrici Legali Nicholette Aquilina Kuraturi Deputati ghan-nom u in rappresentanza ta' l-assenti Hamdi Abdul Al-Tulti*" (Citazzjoni Nru. 157/00 RCP), dina l-Onorabbli Qorti, wara li ddikjarat li l-konvenut assenti kien moruz fil-pagament tas-subcens dovut u inadempjenti tal-obbligazzjonijiet kontrattwali, iddikjarat xolta l-koncessjoni sub-enfitewtika tal-appartament numru 502, Villa Baguette, Busietta Gardens, tal-Gbejjel, Madliena, limiti tal-Gharghur, u filwaqt illi ordnat illi l-istess fond jintradd lura lis-socjeta' attrici (intimata f'din il-procedura), ikkundannat lill-kuraturi deputati ghall-assenti u lill-istess assenti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin gurnata mid-data tal-istess sentenza jizgombraw mill-imsemmi fond.

Illi l-esponent assenti sar jaf bl-ezistenza ta' dawn il-proceduri u bis-sentenza hawn fuq citata biss b'konsegwenza ta' ittra ufficjali illi ntbaghtet mis-socejta' konvenuta lil Joseph u Mary konjugi Cauchi fil-25 ta' Awissu 2000, fejn l-istess konjugi Cauchi (illi fil-frattemp kienu dahlu jokkupaw dan l-appartament bis-sahha ta' konvenju iffirmat fil-25 ta' Lulju 2000, bejn ir-rikorrent u l-istess konjugi Cauchi in buona fede, f'cirkostanza fejn ma kienux jafu bl-ezistenza tal-proceduri gudizzjarji hawn fuq citati) gew interpellati jivvakaw mill-appartament de quo bis-sahha tas-sentenza hawn fuq indikata.

Illi esponenti hass illi din is-sentenza ittiehdet bil-qerq tas-socjeta' intimata u fuq provi foloz li gew imressqa mill-istess socjeta' u ghalhekk huwa intavola citazzjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, flimkien ma citazzjoni fejn talab illi l-istess kawza tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra s-sentenza hawn fuq indikata.

Illi kontestwalment ma' dawn iz-zewg atti, l-esponent nomine intavola wkoll rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' intimata, liema mandat gie akkordat stante illi dina l-Onorabbli Qorti dehrilha li prima

facie il-hrug ta’ tali mandat huwa opportun sabiex jigu ssalvagwardati id-drittijiet tar-rikorrent nomine u s-socjeta’ Busietta Gardens Madliena Limited ma tithalliex tiddisponi mill-proprjeta’ meritu tal-istess sentenza.

Illi r-rikorrent nomine ghandu interess ukoll illi dina l-Onorabbli Qorti tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta’ dik l-istess sentenza billi l-proprjeta’ in kwistjoni tikkostitwixxi l-unika residenza tal-assenti f’Malta, oltre illi r-rikorrent nomine ghandu inteess ukoll illi s-socjeta’ Busietta Gardens Madliena Limited ma tithalliex taghmel uzu mill-istess proprjeta’, u li l-istess proprjeta’ tigi mantnuta regolarment sabiex tinzamm fl-istat pristinu taghha.

Ghaldaqstant, l-esponent nomine jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija fl-14 ta’ Lulju 2000 fil-kawza fl-ismijiet “*Busietta Gardens Madliena Limited vs. l-Avukat Dottor Anna Evellina Barbara u Prokuratrici Legali Nicholette Aquilina Kuraturi Deputati ghan-nom u in rappresentanza ta’ l-assenti Hamdi Abdul Al-Tulti”* (Citazzjoni Nru. 157/00 RCP), sakemm ikun maghruf l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji li gew istitwiti mill-esponent nomine ghar-ritrattazzjoni tal-istess kawza fl-ismijiet hawn premessi.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ Busietta Gardens Madliena Limited, ipprezentata fis-26 ta’ Ottubru, 2000, ghar-rikors ipprezentat minn Taha Kuymizakis nomine fl-20 ta’ Settembru, 2000, li permezz taghha esponiet bir-rispett;

1. Illi kif gie rilevat mir-rikorrent nomine, permezz ta’ digriet moghti minn din il-Qorti fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 2151/00 fl-ismijiet: TAHA KYMIZAKIS NOMINE vs BUSIETTA GARDENS MADLIENA LIMITED, jirrizulta li l-Qorti inibit lill-esponenti “*milli tbiegh, titrasferixxi jew tiddisponi taht kull titolu kemm oneruz jew gratuwitu, reali jew*

*personali minn, jew b'xi mod iehor tikkawza ossija tippermetti l-iskrizzjoni ta' ipoteka jew privilegg fuq, l-appartament numru hames mija u tnejn (502) li jinsab f'Villa Baguette, Busietta Gardens, tal-Gbejjel, Madliena, limiti tal-Gharghur.*"

Ghalhekk jekk ir-rikorrent nomine ghandu xi drittijiet dawn gew adegwatament kawtelati mill-Qorti stess.

2. Illi ghal kull buon fini l-esponenti qeghda tichad kategorikament li hija ezercitat xi qerq jew ressqet provi foloz fil-kawza fl-ismijiet Busietta Gardens Madliena Limited vs. l-Avukat Dottor Anna Evellina Barbara et nomine (Citaz. Nru: 157/00RCP) li giet deciza fl-14 ta' Lulju 2000.

3. Illi b'kull rispett lejn ir-rikorrent nomine, fir-rikors promotur tieghu ma ressaq 'il quddiem ebda raguni tajba ghalfejn din il-Qorti ghandha tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza. Fil-fatt jirrizulta mir-rikors promotur li Hamdi Abdul Al Tulti ma jghix Malta.

4. Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li Hamdi Abdul Al Tulti kien iffirma konvenju fil-25 ta' Awissu 2000 li permezz tieghu ftehem li jbiegh il-propjeta in kwistjoni lil Joseph u Mary konjugi Cauchi. Ghalhekk f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent nomine, l-esponenti ser issofri pregudizzju rrimedjabbli. Huwa car li t-talba li qeghda ssir mir-rikorrent nomine, u li saret wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3151/00, saret bl-iskop uniku li tipprova tiehu lura l-fond in kwistjoni u tkompli bil-bejgh pattwit mill-konjugi Cauchi.

Kif inhuma l-affarijiet illum, il-pretenzjoni tar-rikorrent nomine hija adwatament kawtelata bil-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi, u ghalhekk ir-rikors odjern sar ghal motivi ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-ikorrent nomine.

Dawn il-proceduri gew presentati kontestwalment mal-kawza fl-istess ismijiet u li ggib in-numru 1800/00 u li giet deciza llum stess.

**Billi f'dik il-kawza t-talba attrici giet respinta, il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrent. L-ispejjes jithallsu minnu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------